MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-27 ta' April, 2005

Numru. 19/1998
Kawza Numru. 14

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra John Buttigieg ta' 42 sena, bin il-mejjet John, Karta tal-Identita' numru 53856 (G), akkuzat talli fil-Qala, fl-4 ta' Mejju 1998, b'eghmil zieni ikkorrompa lil [ommisis *], ta' 15-il sena u aktar talli f'post pubbliku jew post accessibbli ghal-pubbliku, immanifattura, stampa jew xorta ohra ghamel film pornografiku jew oxxen;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi wara rapport minn missier minorenni ta' 15-il sena li bintu kienet harget taghmel qadja zghira izda kienet ghada ma rritornatx warar erba sighat, il-Pulizija bdiet tinvestiga. Minkejja tfittxija intensiva, ma rrizulta xejn izda

l-ghada fis-sitta u nofs ta’ filghodu, il-Pulizija waqqfet lill-minorenni l-Mgarr hi u niezla minn fuq il-vapur ta’ Ghawdex. Il-minorenni kienet stqarret mal-Pulizija illi l-lejl ta’ qabel kienet fil-kumpanija tal-imputat fejn kienu sehhew xi atti sesswali bejnithom u li dawn kienu irrekordjati fuq video tape. I-Pulizija intercettaw lill-imputat fi triq u sabu video camera fuqu li kellha video tape fiha izda l-kaxxa kienet imkissra. Peress illi il-Pulizija hasbu li l-imputat ried jeqred l-evidenza, infethet inkejsta u l-espert tal-Qorti trasferixxa l-video tape mill-kaxxa mkissra ghall-wahda gdida u meta spezzjonaw il-kontenut raw lill-minorenni rapurtata nieqsa taghmel atti sesswali mal-imputat. Waqt tfittxija fir-residenza tal-imputat, instabu diversi video tapes VHS-C u ritratti b’kontenut porngrafici. Dawn il-video tapes u ritratti jinkludi xeni li fihom hemm l-istess imputat;

Il-minorenni spjegat illi dakinhar li ma rritornatx id-dar kienet harget taghmel qadja ghall-ommha fil-pjazza tax-Xewkija. Hemmhekk iltaqghet ma’ certu Joe Borg li talabha titla’ mieghu fil-karozza. Hi kienet taf lill-Joe Borg peress li kien ghalliem fl-iskola fejn tattendi. Hi rikbet fuq wara u qabet mal-art minflok fuq is-seat u hadha ghand l-imputat. Borg qalilha biex tinzel mill-karozza u tmur ma’ Ganni Buttigieg biex ittih pjacir. Wara li l-imputat irrekordja l-atti sesswali li saru bejnu u bejn il-minorenni , din raqdet ghandu u biex jidher li kienet marret Malta matul il-lejl, ftehmu li jwassalha sal-vapur fejn rikbet u marret Malta u giet lura Ghawdex mal-istess vapur.

Illi wara li kienu ezaminati il-video tapes u r-ritratti esebiti f’dawn l-atti jirrizulta illi l-imputat kien il-protagonist ta’ atti sesswali dettaljati minnu irrikordjati permess ta’ video tapes flimkien mal-minorenni in kwistjoni u persuni ohra.

Illi ma hemm ebda dubju dettat mir-raguni illi l-video tapes u ritratti huma xoghol l-imputat. Fost il-video tapes hemm ukoll xeni ta’ atti sesswali espliciti u dettaljati fuq xatt il-bahar.

Illi wara li rat in-noti ta’ sottosmissjonijiet ferm studjati tal-partijiet, jirrizulta illi d-difiza qed tikkontendi illi l-imputat

ma jistax jinstab hati tal-akkuza dwar il-korruzzjoni tal-minorenni gia la darba l-istess minorenni kienet gia korrotta. Wara li ezaminat bir-reqqa id-decizzjonijiet tal-Qrati diversi citati mill-partijiet dwar dan il-punt, irid jinghad illi tali asserzjoni ma tistax tkun wahda fierha u leggera u anqas ma tista' tkun prezunta. Apparti l-izvilupp ta' diversi dottrini minn hafna guristi dwar dan il-punt, il-perm tal-argument kollu jisvolgi qabel xejn dwar jekk ingibitx prova li l-minorenni kienet gia korrotta sal-punt illi kwalunkwe att ma jistax jikkorrompiha aktar milli hija gia korrotta. U minn hemm 'l quddiem biss li l-Qorti, una volta dan stabilit, tista' tibda tiehu konjizzjoni tal-allegazzjoni tad-difiza. U anke f'dan l-istadju il-Qorti tkun tehtigilha timxi b'kawzjoni kbira ghaliex irid ikun stabilit f'liema grad ta' korruzzjoni setghet waslet il-minorenni – haga soggettiva ghall-ahhar u jekk l-esperjenzi precedenti setghux ikunu kancellati bl-iskop li l-persuna tirriforma ruhha. Minkejja dan, l-allegazzjoni tad-difiza hija wahda perikoluza hafna u tista' taghti lok biex tiftiehem illi una volta l-persuna hija korrotta, allura tista' tghamillha li trid bhallikieku nizlet il-purtiera tal-immunita' fuq dak ix-xenarju. Ghalhekk il-prova dwar dan il-punt ta' korruzzjoni jaqa' fuq id-difiza, izda mill-ezami akkurat tal-atti ma jirrizulta imkien li ingiebet prova li l-minorenni kienet korrotta. L-aktar li setghet tersaq vicin id-difiza kien meta produciet records mill-iskola taghha biex turi li ma kienitx xi tifla ezemplari izda minn hawn ma tistax tikkonkludi li kienet korrotta. Kullma jirrizulta minn din ix-xhieda hu li l-minorenni kellha hafna paroli kif fl-inkliz jista' komunement jisejjah bhala "tenage bluff". Dan huwa indizjat bil-qawwi fir-rapport tal-psikjatra li jghid li l-minorenni hija "a pathalogical liar". L-istess minorenni xehedet illi dak li ghamlet mal-imputat u li kien registrat fuq video tape minnu kien l-ewwel darba u ma ngiebet l-ebda prova kontrarja;

Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma illi l-prosekuzzjoni ippruvat il-kaz taghha fil-grad rikjest mil-ligi u ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu;

Wara li rat l-artikoli 203, 202, 208, 17 (b), u 20 tal-Kap 9 kif vigenti fid-data tal-kommissjoni tar-rejat;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat, tikkundannah ghal-terminu ta’ prigunerija ta’ tlett snin mil-lum.

Il-Qorti tordna il-konfiska u d-distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti u finalment tordna id-divjet tal-publikazzjoni ta’ isem il-minorenni kull fejn jissemma f’dawn il-proceduri.

* divjet skond l-ordni tal-Qorti moghtija fis-27 ta’ April 2005

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------